**146. Il-Prim Ministru ppropona:**

Billi l-artikolu 3 ta' l-Att ta' l-1995 dwar l-Ombudsman jipprovdi li għandu jinħatar bħala Uffiċjal tal-Parlament Kummissarju għall-Investigazzjonijiet Amministrattivi li jissejjaħ *Ombudsman*, li jinħatar mill-President li jaġixxi skond riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati li tgħaddi bis-saħħa ta' voti ta' mhux anqas minn żewġ terzi tal-membri kollha li hemm fil-Kamra;

Billi Joseph Sammut, BA (Hons) Econ DPA, kien ġie nominat bħala *Ombudsman* wara riżoluzzjoni ta' din il-Kamra tal-31 ta' Lulju 1995; u

Billi l-artikolu 5 ta' l-istess Att jipprovdi li persuna nominata tista' terġa' tinħatar għall-perijodu wieħed konsekuttiv ta' ħames snin,

Din il-Kamra tirrisolvi li titlob lill-President ta' Malta biex skond l-artikoli 3 u 5 ta' l-Att ta' l-1995 dwar l-*Ombudsman* jerġa' jaħtar lill-istess Joseph Sammut, BA (Hons) Econ DPA, bħala *Ombudsman.*

4.7.2000